SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

26 ta' Lulju 2023 *

"Ambjent – Direttiva 2003/87/KE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali – Allokazzjoni tranżitorja bla ħlas ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Deċiżjoni li tiġi eskluża installazzjoni li tuża esklużivament il-bijomassa– Obbligu ta' diliġenza – Dritt għal smigħ – Obbligu ta' motivazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Aspettattivi leġittimi – Eċċezzjoni ta' illegalità – Punt 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2003/87"

Fil-Kawża T-269/21,

Arctic Paper Grycksbo AB, stabbilita fi Grycksbo (l-Isvezja), irrappreżentata minn A. Bryngelsson, A. Johansson u F. Sjövall, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Wils, B. De Meester u P. Carlin, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn C. Ionescu Dima, W. Kuzmienko u P. Biström, bħala aġenti,

u minn

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn A. Norberg u J. Himmanen, bħala aġenti,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Marcoulli, Presidenta, S. Frimodt Nielsen (Relatur) u R. Norkus, Imħallfin,

Reġistratur: H. Eriksson, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

wara s-seduta tat-2 ta' Frar 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Arctic Paper Grycksbo AB, titlob l-annullament sa fejn jikkonċernaha, tal-Artikolu 1(1) u tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 tal-25 ta' Frar 2021, dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2021, L 68, p. 221, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Dan ir-rikors jikkonċerna installazzjoni ta' produzzjoni ta' karta grafika miksija fina operata mir-rikorrenti f'Grycksbo (l-Isvezja). Ir-rikorrenti ilha detentriċi ta' awtorizzazzjoni għall-emissjoni ta' gassijiet serra mill-2005.

3 Id-deċiżjoni kkontestata għandha l-effett li teskludi l-installazzjoni inkwistjoni mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (iktar 'il quddiem l-"ETS") stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU 2018, L 76, p. 3). Din l-esklużjoni għandha, b'mod partikolari, l-effett li ċċaħħad lir-rikorrenti mill-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet għar-raba' perijodu ta' skambju (2021–2025).

4 Sabiex tkun tista' titlob din l-allokazzjoni, fis-7 ta' Mejju 2019, ir-rikorrenti ressqet talba f'dan is-sens quddiem in-Naturvårdsverket (l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, l-Isvezja). F'din it-talba, hija approssimat għal żero n-numru ta' tunnellati ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili emessi matul il-perijodu ta' referenza (bejn l-2014 u l-2018). Skont kif tgħid hi, l-emissjonijiet reali tagħha kienu ogħla minn 0 u inqas minn 0.5 tunnellata għas-snin 2018 sa 2020.

5 Fis-27 ta' Settembru 2019, ir-Renju tal-Isvezja ppreżenta lill-Kummissjoni Ewropea l-miżura ta' implimentazzjoni nazzjonali (iktar 'il quddiem il-"NIM") prevista fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri l-lista tal-installazzjonijiet li kellhom jaqgħu taħt l-ETS għar-raba' perijodu ta' skambju. L-installazzjoni inkwistjoni kienet tinsab f'din il-lista, bir-referenza SE468. Il-kwantitajiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili ddikjarati għal din l-installazzjoni kienu ta' 0 tunnellata, għal kull sena tal-perijodu ta' referenza (2014–2018).

6 Permezz ta' ittra ta' osservazzjonijiet tad-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni kkontestat l-inklużjoni ta' 49 installazzjoni fuq il-NIM, fosthom l-installazzjoni inkwistjoni, fit-termini li ġejjin:

"Għal mill-inqas sena tal-perijodu ta' referenza, [l-installazzjoni inkwistjoni] ġġenerat kważi 100 % tal-emissjonijiet tal-bijomassa. Installazzjonijiet bħal dawn ma għandhomx jiġu inklużi fl-ETS. Jekk jogħġbok agħti spjegazzjonijiet."

7 Fis-16 ta' Ġunju 2020, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent wieġbet għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni billi indikat li l-installazzjoni inkwistjoni kienet taqa' taħt miżura ta' għażla nazzjonali, approvata mill-Kummissjoni, li kienet tipprevedi l-inklużjoni tal-installazzjonijiet konnessi ma' netwerk ta' tisħin distrettwali.

8 Permezz ta' posta elettronika indirizzata lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fit-30 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li l-installazzjonijiet li użaw esklużivament il-bijomassa matul il-perijodu ta' referenza msemmi iktar 'il fuq (2014–2018) kellhom jiġu esklużi mill-ETS.

9 Fl-1 ta' Ottubru 2020, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent bagħtet lill-Kummissjoni messaġġ elettroniku li fih hija rrikonoxxiet li l-installazzjoni inkwistjoni ma kinitx konnessa ma' netwerk ta' tisħin distrettwali u li l-inklużjoni tagħha fl-ETS kienet dubjuża. Madankollu, hija ma kinitx tqis li setgħet tirtira din l-installazzjoni min-NIM f'dak l-istadju tal-proċedura, minħabba li d-dritt amministrattiv nazzjonali ma kienx jipprevedi l-possibbiltà ta' rtirar unilaterali u mingħajr bażi legali tal-awtorizzazzjoni li kellha r-rikorrenti. Barra minn hekk, hija indikat li ma setax jiġi eskluż li l-installazzjoni inkwistjoni tuża fil-futur karburant mill-fossili.

10 Permezz ta' posta elettronika tas-17 ta' Diċembru 2020, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent informat lill-Kummissjoni li l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet li hija kellha l-intenzjoni teskludi kien kompitu diffiċli, minħabba l-kriterju ta' użu esklużiv tal-bijomassa u tal-perijodu ta' referenza li kien intgħażel (2014–2018).

11 Fl-14 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni kkomunikat lir-rappreżentanti tal-Istati Membri li kienu membri tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima abbozz ta' regolament dwar ir-reviżjoni tal-valuri tal-parametri referenzjarji ta' prodotti għall-perijodu ta' skambju bejn is-sena 2021 u s-sena 2025. Dan l-abbozz kien is-suġġett ta' verżjoni emendata fis-26 ta' Jannar 2021, bl-għan li jiġi approvat l-għada mill-imsemmi kumitat.

12 Permezz ta' posta elettronika tas-26 ta' Jannar 2021, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent indikat lill-Kummissjoni li kienet ikkonstatat differenzi fid-dikjarazzjonijiet tal-impriżi li emettew inqas minn 0.5 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu ta' referenza. Hija indikat li ċerti impriżi, li hija ma identifikatx, kienu approssimaw dawn l-emissjonijiet għal 0 tunnellata, filwaqt li oħrajn kienu indikaw l-emissjonijiet reali tagħhom mingħajr ma pproċedew għal tali approssimazzjoni. Hija osservat li l-Kummissjoni kkontestat l-inklużjoni tal-installazzjonijiet biss li ddikjaraw emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili ugwali għal 0 tunnellata, filwaqt li l-inklużjoni tal-installazzjonijiet li ddikjaraw l-emissjonijiet tagħhom mingħajr ma approssimaw dawn l-emissjonijiet ma kienu s-suġġett ta' ebda kontestazzjoni. Hija talbet lill-Kummissjoni tispeċifika l-metodi li kellha l-intenzjoni tapplika għall-installazzjonijiet kollha li jużaw il-bijomassa.

13 Fit-28 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni informat lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li l-fażi ta' eżami tal-NIM kienet intemmet u li ma setgħetx iktar tieħu inkunsiderazzjoni bidliet li għandhom effett fuq il-lista tal-installazzjonijiet u fuq il-kalkolu tal-parametri referenzjarji ta' prodotti.

14 Fl-istess jum, it-test finali tal-abbozz tar-regolament imsemmi fil-punt 11 iktar 'il fuq ġie kkomunikat lill-Istati Membri għall-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub. Id-data sakemm kellhom jitressqu l-osservazzjonijiet ġiet iffissata għall-11 ta' Frar 2021.

15 Fl-1 ta' Frar 2021, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent indikat li l-lista tal-installazzjonijiet li tinsab fil-NIM ma setgħetx titqies bħala definittiva sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ħadet pożizzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-posta elettronika tas-26 ta' Jannar 2021 (ara l-punt 12 iktar 'il fuq).

16 Permezz ta' posta elettronika tal-istess jum, il-Kummissjoni wieġbet kif ġej:

"Aħna kkompletajna l-istadji kollha tal-evalwazzjoni tan-NIM qabel ma ssottomettejna r-regolament dwar il-parametri referenzjarji lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima sabiex jagħti opinjoni favorevoli u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar in-NIM sabiex tiġi adottata.

Kif indikat f'posta elettronika preċedenti, jekk Stat Membru jsib żball fil-lista tan-NIM li la jaffettwa l-valuri tal-parametri referenzjarji ta' prodotti u lanqas id-deċiżjonijiet dwar in-NIM, iżda biss l-allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas (jew li jaġġorna d-data biss sabiex ir-referenza eżatta tissemma fil-futur, u sabiex tiġi evitata korrezzjoni futura tan-NIM), nistgħu naċċettaw lista aġġornata tan-[NIM] f'dan l-istadju, qabel ma tiġi sottomessa l-kwantità annwali provviżorja ta' kwoti bla ħlas.

Fir-rigward tal-metodu li użajna għall-installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa, dan kien ibbażat fuq l-emissjonijiet u ma ġiet applikata l-ebda approssimazzjoni la għall-emissjonijiet diretti u lanqas għall-emissjonijiet mill-bijomassa."

17 Permezz ta' posta elettronika tal-4 ta' Frar 2021, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent informat lill-Kummissjoni b'inkonsistenzi apparenti fil-mod kif din kellha l-intenzjoni li tittratta, fir-rigward tal-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa, installazzjonijiet li l-emissjonijiet tagħhom ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili kienu jidhru paragunabbli għaliha. Fl-istess posta elettronika, hija talbet lill-Kummissjoni tosserva wkoll li r-rikorrenti kienet iddikjarat kwantità ta' emissjonijiet ta' 0.3727 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili għas-sena 2018. Fl-aħħar nett, hija staqsiet jekk kienx possibbli għaliha li taġġorna n-NIM billi ssemmi mingħajr ma jiġu approssimati, għal kull installazzjoni meqjusa mill-Kummissjoni bħala li tuża biss il-bijomassa, il-kwantitajiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili effettivament emessi matul il-perijodu ta' referenza.

18 Permezz ta' posta elettronika tas-16 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni wieġbet lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li ma kienx iktar possibbli li jsiru bidliet li jaffettwaw l-identità tal-installazzjonijiet li jinsabu fin-NIM jew il-kalkolu tal-parametri referenzjarji ta' prodotti, peress li l-atti relatati magħhom kienu fil-proċess ta' adozzjoni.

19 Fil-25 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata.

20 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat il-każijiet li fihom hija kellha l-intenzjoni tqajjem oġġezzjonijiet fil-konfront tan-NIM li kienu ġew proposti lilha. Fir-rigward tar-rikorrenti, il-Kummissjoni indikat dan li ġej fil-premessa 11 tal-imsemmija deċiżjoni:

"Ir-[Repubblika tal-Finlandja] u [ir-Renju tal-Isvezja] pproponew l-inklużjoni ta' 51 installazjoni li jużaw biss il-bijomassa. Uħud minn dawk l-installazjonijiet kienu soġġetti għall-inklużjoni unilaterali fl-2004-2007, approvata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2003/87/KE. Madankollu, l-installazjonijiet li jużaw biss il-bijomassa kienu esklużi sussegwentement mill-[…] ETS f'konformità ma' dispożizzjoni ġdida fil-[punt 1] tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE. Dik id-dispożizzjoni ddaħlet […] permezz tad-Direttiva 2009/29 […], u mill-applikazzjoni tagħha fl-1 ta' Jannar 2013, iddeterminat ambitu ġdid għall-ETS, inkluż rigward l-inklużjonijiet minn qabel. Għalhekk, l-inklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa għandha tiġi miċħuda għas-snin kollha tal-perjodu tal-linja bażi, inkluż meta kienu elenkati fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87."

21 Fit-12 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/447 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perijodu mill-2021 sal–2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2021, L 87, p. 29).

22 Fit-2 ta' Ġunju 2021, ir-Renju tal-Isvezja kkomunika lill-Kummissjoni NIM ġdida, li fuqha r-rikorrenti lanqas ma kienet tidher.

It-talbiet tal-partijiet

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonċernaha;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

25 Il-Parlament Ewropew jitlob, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad ir-rikors.

26 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

27 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. It-tielet wieħed jirrigwarda l-ksur tar-rekwiżiti proċedurali sostanzjali. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 2003/87, b'mod partikolari tal-Artikolu 10a u tal-punt 1 tal-Anness I tagħha. Fl-aħħar nett, is-sitt motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tal-imsemmi punt.

28 Barra minn hekk, mingħajr ma rabtuhom formalment mas-sitt motivi tar-rikors, il-partijiet prinċipali skambjaw argumenti dwar il-kuntest ġuridiku applikabbli għall-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u dwar l-obbligi tal-Kummissjoni. Dawn l-argumenti għandhom impatt fuq l-evalwazzjoni, b'mod partikolari, tat-tieni u tat-tielet motiv tar-rikors.

29 Għalhekk, qabel kollox, għandu jitfakkar il-kuntest ġuridiku li fih taqa' l-ETS kif ukoll l-għanijiet tad-Direttiva 2003/87, imbagħad għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tal-partijiet dwar ir-regolarità tal-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u, fl-aħħar nett, dawk li jikkontestaw il-fondatezza ta' din tal-aħħar.

Osservazzjonijiet preliminari dwar l-ETS u l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87

30 L-ETS, irregolata mid-Direttiva 2003/87, tikkonċerna l-installazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ddefiniti fl-Anness I tagħha u li jemettu wieħed jew iktar mill-gassijiet serra msemmija fl-Anness II tagħha (Artikolu 2 ta' din id-direttiva). Konformement mal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva, l-ETS għandha l-għan li tħeġġeġ lill-impriżi jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra taħt kundizzjonijiet ekonomikament effiċjenti u effettivi. Hekk kif jirriżulta mill-premessa 8 tal-istess direttiva, l-ETS timplika għaldaqstant l-inklużjoni ta' attivitajiet li jippreżentaw ċertu potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punti 55 u 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li d-Direttiva 2003/87 għandha l-għan li tistabbilixxi ETS li hija maħsuba sabiex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera għal livell li jimpedixxi kull interferenza antropoġenika perikoluża tal-klima u li l-għan finali tagħha huwa l-protezzjoni tal-ambjent. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2017, ArcelorMittal Rodange u Schifflange, C-321/15, EU:C:2017:179, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, l-imsemmija direttiva hija intiża sabiex tnaqqas l-emissjonijiet globali tal-gassjiet serra tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla mal-livelli tagħhom tas-sena 1990, f'kundizzjonijiet ekonomikament effiċjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punti 64, u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 L-ETS għandha għaldaqstant l-għan li tissodisfa l-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-qasam tal-ambjent, filwaqt li ssegwi diversi għanijiet bħal "[toħloq] l-inqas [ħsara] possibbli [lil]l-iżvilupp ekonomiku u [li]x-xogħol"(premessa 5 tad-Direttiva 2003/87), "preservazzjoni ta' l-integrità tas-suq intern"(premessa 7 tal-imsemmija direttiva), "tiġi evitata id-distorsjoni tal-kompetizzjoni" (premessa 7 ta' din id-direttiva) (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punt 101 u

l-ġurisprudenza ċċitata) u l-prevenzjoni tat-"rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju", jiġifieri r-rilokazzjoni, barra mis-suq intern, tal-produtturi li jemettu gassijiet serra, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10b tal-istess direttiva, b'mod partikolari.

33 Għal dan l-għan, l-impriżi inklużi fl-ETS huma obbligati, minn naħa, li jiksbu awtorizzazzjoni ta' emissjoni ta' gassijiet serra, li tinħarġilhom mill-Istati Membri bil-kundizzjoni li juru l-kapaċità tagħhom li jimmonitorjaw u jiddikjaraw l-emissjonijiet tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jirrestitwixxu kull sena kwoti, trasferibbli ġewwa u barra l-Unjoni. L-ekwivalenza bejn il-kwoti rrestitwiti minn kull installazzjoni u l-emissjonijiet effettivi tagħha ta' gassijiet serra evalwati f'tunnellati ta' ekwivalenti tad-diossidu tal-karbonju għandha tiġi vverifikata u kkontabilizzata mill-Istati Membri (Artikolu 3(a), u Artikoli 4 sa 6, 12, 15, 19 u 25 tad-Direttiva 2003/87).

34 Għalhekk, l-ETS tistabbilixxi numru ta' inċentivi ekonomiċi għat-tnaqqis tal-gassijiet serra mill-installazzjonijiet stess. Fil-fatt, għalkemm l-għan finali tal-ETS huwa l-protezzjoni tal-ambjent, din l-iskema ma tnaqqasx fiha nnifisha l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Min-naħa l-oħra, hija tinkoraġġixxi u tiffavorixxi t-tfittxija tal-ispejjeż l-iktar baxxi sabiex jinkiseb tnaqqis tal-imsemmija emissjonijiet f'livell kompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, li tiddependi fuq ir-rigorożità li biha tiġi stabbilita l-kwantità totali ta' kwoti mogħtija (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, Arcelor Atlantique u Lorraine *et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 31, u tas-17 ta' Ottubru 2013, Billerud Karlsborg u Billerud Skärblacka, C-203/12, EU:C:2013:664, punt 26).

35 Għaldaqstant, l-ETS hija bbażata fuq loġika ekonomika, li tħeġġeġ lil kull parteċipant fiha jemetti kwantità ta' gassijiet serra li hija inqas mill-kwoti li jkunu ġew inizjalment mogħtija lilu, sabiex jittrasferixxi l-bqija tagħhom lil parteċipant ieħor li jkun ipproduċa kwantità ta' emissjonijiet li taqbeż il-kwoti allokati jew miksuba. Il-kwoti ta' emissjoni għandhom, minħabba f'hekk, valur kummerċjali (ara s-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2017, ArcelorMittal Rodange u Schifflange, C-321/15, EU:C:2017:179, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punt 63; ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża ArcelorMittal Rodange u Schifflange, C-321/15, EU:C:2016:516, punti 48 sa 55).

36 Barra minn hekk, l-ETS tipprevedi, permezz ta' eċċezzjoni tranżitorja għar-regola li l-kwoti ta' emissjonijiet huma s-suġġett ta' bejgħ bl-irkant, id-distribuzzjoni ta' ċerti kwoti bla ħlas (Artikoli 9, 9a, 10, 10a u 10c tad-Direttiva 2003/87), li n-numru tagħhom ilu jonqos b'mod lineari mill-2013. In-numru ta' kwoti allokati bla ħlas issa huwa ddeterminat skont parametri referenzjarji ikkalkolat għal kull prodott, bħala prinċipju u sa fejn huwa possibbli, li jikkorrispondi għall-prestazzjoni medja ta' 10 % tal-produtturi ekoloġikament l-iktar effiċjenti, taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10a tal-imsemmija direttiva. Skont il-paragrafu 2(a) u (b) ta' dan l-artikolu tal-aħħar, għall-perijodu 2021-2025, il-valuri tal-parametri referenzjarji huma suġġetti għal rata ta' tnaqqis annwali massima ta' 1.6 %.

37 Sabiex tkun eliġibbli għall-allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas, installazzjoni għandha tkun inkluża fil-miżura ta' implimentazzjoni li l-adozzjoni tagħha mill-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu tkun stabbilita, hija prevista fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87. Konformement mal-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu, l-Istati Membri ma jistgħux jakkordaw kwoti bla ħlas lil installazzjonijiet li lilhom il-Kummissjoni tkun irrifjutat ir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, huwa billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet inklużi li tiġi kkalkolata l-prestazzjoni medja għal kull parametru referenzjarju ta' prodott, li minnu tiddependi l-allokazzjoni tal-kwoti bla ħlas.

38 Il-kwoti li ma jiġux iddistribwiti bla ħlas jiġu suġġetti għall-bejgħ bl-irkant taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/87. L-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet għaldaqstant hija progressivament maħsuba li tissejjes esklużivament fuq il-prinċipju tal-bejgħ bl-irkant, li, skont il-leġiżlatur tal-Unjoni, hija ġeneralment meqjusa bħala s-sistema l-iktar effiċjenti mill-perspettiva ekonomika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, ExxonMobil Production Deutschland, C-682/17, EU:C:2019:518, punt 66).

39 Fost il-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87, hemm il-produzzjoni tal-karta jew tal-kartun, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' iktar minn 20 tunnellata kuljum. L-installazzjonijiet ikkonċernati huma, skont dan l-istess anness, suġġetti għall-ETS f'dak li jirrigwarda l-emissjonijiet tagħhom ta' diossidu tal-karbonju.

40 Madankollu, il-punti 1 u 3 tal-Anness I għad-Direttiva 2003/87 jipprovdu:

"1. […] [l-]istallazzjonijiet li jużaw biss il-bijomassa mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

3. […] junits li jużaw biss il-bijomassa ma jitqisux għall-finijiet ta[l-]kalkolu tal-[inputtermiku totali ta' installazzjoni]. 'Junits li jużaw biss il-bijomassa' jinkludu impjanti li jużaw il-karburanti fossili meta jitqabbdu jew meta jintfew biss."

41 Il-parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2003/87 tinkludi punt intitolat "Il-Kalkolu [tal-Emissjonijiet]", li l-aħħar sentenza tar-raba' paragrafu tiegħu tipprovdi li "[i]l-valur ta' l-emissjonijiet għall-bijomassa għandu jkun żero".

42 Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU 2018, L 328, p. 82, u rettifiki fil-ĠU 2020, L 311, p. 11, ĠU 2021, L 224, p. 42 u fil-ĠU 2022, L 41, p. 37), tinkludi l-bijomassa fost l-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-punt 24 tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva jiddefinixxi l-bijomassa bħala "il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta' skart, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika".

43 Il-partijiet ma jaqblux fir-rigward tal-portata u tal-legalità tal-eċċezzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bijomassa, li, kif tfakkar fil-punti 2 sa 22 iktar 'il fuq, wasslet lill-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tirrifjuta l-inklużjoni fl-ETS tal-installazzjoni inkwistjoni, li għandha, b'mod partikolari, l-effett li ċċaħħadha minn kull allokazzjoni ta' kwoti ta' gassijiet serra bla ħlas għar-raba' perijodu ta' skambju (2021–2025).

Fuq il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

44 Minbarra l-argumenti speċifikament marbuta mar-regolarità tal-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-partijiet ma jaqblux fuq żewġ kwistjonijiet, li għandhom jiġu eżaminati preliminarjament.

45 Minn naħa, ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi li ġew ippreżentati lilha fis-26 ta' Jannar u fl-4 ta' Frar 2021 (ara l-punti 12 u 17 iktar 'il fuq), minħabba li, f'dan l-istadju tal-adozzjoni tan-NIM previsti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87 u tar-Regolament Delegat dwar il-valur tal-parametri referenzjarji previst fl-Artikolu 10a tal-imsemmija direttiva, ma kienx iktar possibbli, għal din l-istituzzjoni, li tieħu

inkunsiderazzjoni bidliet li għandhom effett fuq l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet inklużi fl-ETS u eliġibbli għal allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas. Dawn l-argumenti, ippreżentati b'mod awtonomu, jikkoinċidu ħafna ma' dawk imressqa mir-rikorrenti insostenn tal-ewwel parti tat-tielet motiv u ser jiġu eżaminati f'dan il-kuntest.

46 Min-naħa l-oħra, il-partijiet ma jaqblux dwar il-portata tar-regoli tal-approssimazzjoni li jirriżultaw mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU 2018, L 334, p. 1). Qabel kollox għandha tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti, kif hija tallega, setgħetx targumenta li d-data approssimata li hija ppreżentat lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent u li ġiet trażmessa minnha lill-Kummissjoni kienet tikkorrispondi madankollu għal emissjonijiet reali ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili mhux ta' żero, iżda ta' bejn 0 u 0.5 tunnellata.

Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data approssimata ddikjarata matul il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata

47 Fl-2018, hekk kif isemmi l-posta elettronika li l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent bagħtet lill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2021 (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), ir-rikorrenti ssostni li hija emettiet 0.37 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili. Ir-rikorrenti tipproduċi wkoll dikjarazzjonijiet iċċertifikati dwar is-snin 2019 u 2020, li jgħidu li hija emettiet, għal dawn is-sentejn, kwantitajiet rispettivi ta' 0.29 u 0.46 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili.

48 Ir-rikorrenti ssostni li, peress li hija kkonformat ruħha mar-regoli tal-approssimazzjoni stabbiliti mill-Kummissjoni billi ddikjarat żero emissjonijiet għas-sena 2018, hija tinsab, minħabba dan il-fatt biss, f'sitwazzjoni iktar sfavorevoli minn dik li fiha tqiegħdu l-impriżi li, bi ksur ta' dawn ir-regoli, kienu ddikjaraw l-emissjonijiet reali tagħhom meta dawn kienu inqas minn 0.5 tunnellata. Fil-fatt, dawn l-aħħar installazzjonijiet ma ġewx eskluży mill-ETS.

49 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-installazzjonijiet kollha li emettew inqas minn 0.5 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili, kemm jekk għamlu approssimazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tagħhom kif ukoll jekk le, kellhom jiġu eskluży mill-ETS, tikkostitwixxi razzjonalizzazzjoni *a posteriori* li dwarha l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent manifestament ma kinitx informata qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

50 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

51 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/2066, "L-emissjonijiet totali annwali ta' kull wieħed mill-gassijiet serra [id-diossidu tal-karbonju, ossidu nitruż u perfluworokarburi] għandhom jiġu rrapportati f'tunnellati approssimati ta' [diossidu tal-karbonju jew ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju]".

52 Huwa stabbilit u jirriżulta, b'mod partikolari, mid-dokumenti prodotti mill-Kummissjoni b'risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li ġiet indirizzata lilha mill-Qorti Ġenerali kif ukoll mid-dokumenti ppreżentati spontanjament mir-rikorrenti li, matul il-proċedura kollha li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, id-data ta' emissjonijiet li tikkonċerna lir-rikorrenti għall-perijodu ta' referenza 2014–2018 li kienet ġiet ikkomunikata mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent lill-Kummissjoni kienet nulla.

53 Ir-rikorrenti ma tikkontestax li ma emettietx diossidu tal-karbonju mill-fossili matul is-snin 2014 sa 2017. Min-naħa l-oħra, hija ssostni li d-data ta' 0 tunnellata għas-sena 2018 kienet tirriżulta minn approssimazzjoni għal unità interjuri tal-emissjonijiet effettivi tagħha, li allegatament kienu ta' 0.37 tunnellata. Hija ssostni li l-osservanza tagħha tar-regoli ta' approssimazzjoni ħolqitilha preġudizzju relattiv, fir-rigward tal-installazzjonijiet li ma ddikjarawx data ta' żero filwaqt li l-emissjonijiet reali tagħhom kienet ta' inqas minn 0.5 tunnellata u ma ġewx eskluži mill-ETS, li ppermettilhom ikomplu jibbenefikaw minn allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas.

54 Mingħajr ma tikkontesta r-realtà tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ssostni li r-regoli ta' approssimazzjoni huma ta' natura imperattiva u li r-rikorrenti ma hijiex iġġustifikata tilmenta dwar il-konsegwenzi tal-applikazzjoni tagħhom.

55 Madankollu, ma hemmx dubju li, għalkemm ir-rikorrenti osservat ir-regoli ta' approssimazzjoni previsti mid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq, dan ma huwiex il-każ tal-installazzjonijiet kollha li jinsabu fin-NIM. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li naqset bi żball milli teskludi żewġ installazzjonijiet li l-emissjonijiet iddikjarati tagħhom kienu inqas minn 0.5 tunnellata, iżda ma kinux ġew approssimati.

56 Ċertament, huwa ta' dispjaċir li l-Kummissjoni ma żammitx dwar din il-kwistjoni pożizzjoni kostanti matul il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kif juru, b'mod partikolari, il-mistoqsijiet li hija għamlet lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent u l-identifikazzjoni tal-installazzjonijiet li hija kellha l-intenzjoni teskludi mill-ETS. Madankollu, l-applikazzjoni tar-regola ta' approssimazzjoni hija meħtieġa mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/2066. Dan l-obbligu jirriproduċi dak li kien preċedentement previst fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 72(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2012, L 181, p. 30 u rettifika fil-ĠU 2012, L 347, p. 43) li lilu ssostitwixxa. Għaldaqstant, dan l-obbligu kien japplika kemm għar-rapporti annwali tal-emissjonijiet stabbiliti mill-installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS għal kull waħda mis-snin tal-perijodu 2014–2018 kif ukoll għar-rapport tal-emissjonijiet dwar il-perijodu ta' referenza li l-Istati Membri kienu obbligati jippreżentaw insostenn tal-proġetti tagħhom ta' NIM.

57 L-argument tar-rikorrenti li jgħid li din ir-regola ma tistax tiġi applikata sabiex jiġi ddeterminat jekk, fis-sens tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87, installazzjoni għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li tuża esklużivament il-bijomassa ma jistax jintlaqa'.

58 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/2066, din ir-regola imperattiva tapplika għad-dikjarazzjonijiet kollha ta' emissjonijiet marbuta mal-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87. Għaldaqstant dan huwa metodu oġġettiv, applikabbli għall-installazzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għal kull sena mill-perijodu ta' referenza, hekk kif tfakkar fil-punt 56 iktar 'il fuq, li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk installazzjoni li tuża l-bijomassa taqax jew le taħt l-esklużjoni dwar l-użu esklużiv tal-bijomassa fis-sens tal-punt 1 tal-imsemmi anness.

59 Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti li installazzjoni li tuża l-bijomassa u li tiddikjara 0 tunnellata ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili għandha titqies li ma tużax esklużivament il-bijomassa, peress li l-emissjonijiet reali tagħha ma humiex żero, tmur kontra r-rekwiżit ta' koerenza tal-ETS, li jiddependi, b'mod partikolari, fuq l-armonizzazzjoni tar-regoli ta' dikjarazzjoni u ta' monitoraġġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2018/2066

huwa intiż li jiggarantixxi. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, billi jassimila mal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa dawk li jemettu d-dijossidu tal-karbonju mill-fossili għall-finijiet biss tal-bidu u tal-waqfien tal-proċess ta' produzzjoni, il-punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 jipprevedi espressament in-nuqqas ta' inklużjoni fl-ETS ta' installazzjonijiet li l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-fossili tagħhom huma marġinali, iżda mhux neċessarjament żero.

60 Sussegwentement, ir-rikorrenti kienet obbligata, hekk kif għamlet, li tiddikjara żero emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili għal kull waħda mis-snin tal-perijodu ta' referenza u, b'mod partikolari, li twettaq approssimazzjoni għal żero fid-dikjarazzjoni tal-emissjonijiet tagħha għas-sena 2018. Għaldaqstant, hija ma hijiex iġġustifikata li tilmenta, bla ħsara għall-konsegwenzi ta' ksur eventwali tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-dikjarazzjonijiet dwar l-installazzjoni inkwistjoni li ġew trażmessi lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, li kienu juru l-assenza ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili u, konsegwentement, l-użu esklużiv tal-bijomassa.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżiti proċedurali sostanzjali

61 It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżiti proċedurali sostanzjali, jinqasam fi tliet partijiet: permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti tinvoka l-ksur tad-dmir ta' diliġenza, permezz tat-tieni waħda, dak tad-dritt għal smigħ u, permezz tat-tielet waħda, dak tal-obbligu ta' motivazzjoni.

– *Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' diliġenza*

62 Ir-rikorrenti ssostni li, kieku l-Kummissjoni kienet evalwat korrettament l-informazzjoni mibgħuta mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, din kienet tasal għal konklużjoni differenti fir-rigward tal-inklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni fl-ETS. Il-Kummissjoni għalhekk naqset mill-obbligu ta' diliġenza tagħha.

63 Skont ir-rikorrenti, għall-applikazzjoni tal-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa prevista fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87, il-kwistjoni dwar jekk l-installazzjoni inkwistjoni tiġġenerax jew le emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili hija element rilevanti. Issa, il-Kummissjoni naqset mid-dmir tagħha li tivverifika b'mod xieraq jekk l-imsemmija installazzjoni kinitx tuża esklużivament il-bijomassa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indirizzat mistoqsija lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li tgħid li kien jidhrilha li din l-installazzjoni kienet tuża "kważi esklużivament" il-bijomassa, li jfisser li hija kienet taf bl-użu ta' karburanti mill-fossili minn tali installazzjoni. Għaldaqstant hija deliberatament għażlet li teskludi mingħajr raġuni d-data ċċertifikata pprovduta mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, li l-imparzjalità tagħha ma setgħetx tiġi kkontestata.

64 Barra minn hekk, il-Kummissjoni damet biex tindika lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li hija kienet tal-fehma li l-installazzjonijiet, bħall-installazzjoni inkwistjoni, li kienu ddikjaraw kwantitajiet ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili ugwali għal żero kellhom jiġu esklużi mill-ETS. L-impożizzjoni fuq l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent ta' allegat terminu li wara l-iskadenza tiegħu data ġdida, anki jekk rilevanti, ma tistax tittieħed iktar inkunsiderazzjoni hija qarrieqa.

65 Fir-replika, ir-rikorrenti tikkritika, barra minn hekk, lill-Kummissjoni talli ma imponietx b'mod ċar terminu fuq l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma hijiex fondata li tibbaża argument fuq it-tardività ta' ċerta informazzjoni li ġiet ippreżentata lilha. Madankollu, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx tkun tista' teskludi l-installazzjoni inkwistjoni mill-ETS li kieku din l-istituzzjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li hija kienet approssimat l-emissjonijiet tagħha konformement mar-regoli fis-seħħ, filwaqt li, fir-realtà, dawn ma kinux żero.

66 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq l-iskadenza ta' terminu li hija ma stabbilixxietx. Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, ma kienx tard wisq sabiex din l-istituzzjoni tieħu inkunsiderazzjoni. id-data kkomunikata mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fil-posta elettronika tas-26 ta' Jannar 2021. Fil-fatt, il-Kummissjoni stess emendat l-atti li dak iż-żmien kienu fil-proċess li jiġu adottati, li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-valur tal-emissjonijiet tal-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti li jaqgħu taħt parametri referenzjarji oħrajn ta' prodotti. Barra minn hekk, mill-Anness A 10 tar-rikors jirriżulta li żewġ installazzjonijiet kienu ġew awtorizzati jipprovdu data aġġornata wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u għalhekk, *a fortiori*, wara s-26 ta' Jannar 2021.

67 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata iktar minn xahar wara l-komunikazzjoni mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-eżistenza ta' differenza fit-trattament bejn l-installazzjonijiet li pproċedew għall-approssimazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tagħhom jew le u r-regolament dwar il-parametri referenzjarji ta' prodott ġie adottat kważi xahar u nofs iktar tard. Issa, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-installazzjoni inkwistjoni għall-kalkolu tal-parametru referenzjarju ta' prodott kien jikkostitwixxi biss adattament minuri. Għalkemm il-Kummissjoni ssostni li l-proċess ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dam ħmistax-il xahar, għandu madankollu jiġi osservat li l-problema marbuta mat-teħid inkunsiderazzjoni tal-installazzjonijiet li approssimaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom għal żero ma setgħetx titqajjem mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent ħlief wara tnax-il xahar u li t-tardività ta' din l-informazzjoni, allegata mill-Kummissjoni, hija fir-realtà ferm imputabbli lil din tal-aħħar.

68 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

69 Skont il-ġurisprudenza, fir-rigward ta' proċedura amministrattiva li tirrigwarda evalwazzjonijiet tekniċi kumplessi, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni għandu jkollhom setgħa diskrezzjonali sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-funzjonijiet tagħhom. Iżda, fil-każ li huma jkollhom tali setgħa diskrezzjonali, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi għandha importanza iktar u iktar fundamentali. Fost dawn il-garanziji hemm, b'mod partikolari, l-obbligu li jiġu eżaminati, b'attenzjoni u imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punti 13 u 14).

70 Hekk kif jirriżulta mill-premessi 2 sa 8 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni wettqet kontrolli dwar il-kompletezza u l-koerenza tal-informazzjoni li ġiet ikkomunikata lilha mid-dipartimenti kompetenti tal-Istati Membri.

71 Bil-kontra għal dak li ssostni l-Kummissjoni, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma takkużaha li ma wettqitx kontrolli fuq il-post u lanqas li ma vverifikatx l-eżattezza tad-dikjarazzjonijiet ippreżentati mill-installazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ssostni li din l-istituzzjoni ma setgħetx twarrab bħala tardiva l-informazzjoni

li ġiet trażmessa lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, li tipprovdi, minn naħa, li hija kienet approssimat id-dikjarazzjonijiet tal-emissjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, li l-emissjonijiet tagħha ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili reali ma kinux żero fl-2018.

72 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87, in-NIM relatata mar-raba' perijodu ta' skambju (2021–2025) kellhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Settembru 2019. Huwa stabbilit li dan it-terminu ġie osservat fil-każ ineżami mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent.

73 Min-naħa l-oħra, mill-proċess jirriżulta li ebda terminu ieħor minbarra dak imsemmi fil-punt 72 iktar 'il fuq ma ġie impost fuq l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent. F'dan ir-rigward, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li ġie ffissat terminu għas-7 ta' Diċembru 2021 ma hijiex konvinċenti. Fil-fatt, dan it-terminu, imsemmi f'posta elettronika, kien is-suġġett ta' kontestazzjoni immedjata mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, li d-dipartimenti tal-Kummissjoni ma opponewx għaliha.

74 Barra minn hekk, huwa stabbilit li l-emendi tan-NIM dwar il-valuri ddikjarati mill-installazzjonijiet jistgħu *prima facie* jkollhom effett fuq id-definizzjoni tal-parametru referenzjarju ta' prodott, sa fejn dawn jaqgħu taħt l-ETS. Dan japplika iktar u iktar għall-installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa, peress li tali emissjonijiet ma jingħaddux fil-kalkolu tan-numru ta' kwoti li għandhom jiġu rrestitwiti. Il-partijiet, madankollu, ma jaqblux dwar il-konsegwenzi li l-Kummissjoni kellha tislet fil-każ ineżami, mill-informazzjoni li ġiet trażmessa lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent bejn is-26 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2021. Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet obbligata tevalwa l-informazzjoni rilevanti kollha, tkun xi tkun id-data tat-trażmissjoni tagħha, filwaqt li l-Kummissjoni hija tal-fehma li, mill-mument meta l-proċedura ta' adozzjoni tar-regolament li jistabbilixxi l-parametri referenzjarji kienet għaddejja, kien tard wisq sabiex jiġu sottomessi lilha emendi li jistgħu jikkontestaw il-proġetti ta' parametri referenzjarji. Il-Kummissjoni ssostni li, li kieku tali emendi kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, l-adozzjoni tal-atti indispensabbli għall-allokazzjoni tal-kwoti bla ħlas kienet iġġarrab dewmien kunsiderevoli.

75 Issa, ma huwiex ikkontestat li, fid-data li fiha l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent avżat lill-Kummissjoni bi problemi marbuta ma' differenzi relatati mal-approssimazzjoni tal-valuri ddikjarati u, *a fortiori*, meta l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent informat lill-Kummissjoni li l-valur tal-emissjonijiet tal-installazzjoni inkwistjoni ma kienx żero fl-2018, iżda li kien ta' 0.3727 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), jiġifieri fl-4 ta' Frar 2021, l-abbozz ta' regolament li jistabbilixxi l-parametri referenzjarji ta' prodotti kien diġà ġie ppreżentat lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima. Permezz ta' posta elettronika tal-1 ta' Frar 2021 (ara l-punt 16 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni kienet informat lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li kienu għadhom jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss bidliet mingħajr effett fuq il-parametri referenzjarji ta' prodotti.

76 Huwa minnu li l-Kummissjoni għandha raġun issostni li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 jipprevedi li l-allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas jippreżumu minn qabel id-definizzjoni tal-parametri referenzjarji skont is-settur ta' attività u li, skont l-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva, l-allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas għandhom isiru qabel it-28 ta' Frar tas-sena kurrenti. Fil-fatt, l-Artikolu 10a(2) ta' din id-direttiva, billi jipprevedi li l-punt ta' tluq tal-parametri referenzjarji *ex ante* huwa l-prestazzjoni medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti tas-settur, jippreżupponi l-istabbiliment tal-lista tal-installazzjonijiet inklużi fl-ETS. Għaldaqstant, bħala prinċipju, huwa possibbli għall-Kummissjoni li tieħu l-miżuri ta'

organizzazzjoni tal-proċedura amministrattiva neċessarji sabiex tiggarantixxi l-osservanza tal-iskadenzi previsti fl-Artikolu 11(2) tal-istess direttiva, b'mod partikolari billi tagħti termini lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jippreżentaw id-data kollha neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-lista tal-installazzjonijiet inklużi kif ukoll il-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom. Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-punt 73 iktar 'il fuq, mill-proċess ma jirriżultax li, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni tat b'mod ċar terminu mandatorju lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent.

77 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni li kienet ġiet trażmessa lilha.

78 Issa, kif jirriżulta mill-posta elettronika tal-Kummissjoni tal-1 ta' Frar 2021, indirizzata lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent (ara l-punt 16 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni, f'dan il-każ, irrifjutat fil-prinċipju li tieħu inkunsiderazzjoni kwalunkwe informazzjoni ġdida li jista' jkollha effett fuq il-lista tal-installazzjonijiet inklużi u fuq il-kalkolu tal-valuri tal-parametri referenzjarji. Dan ir-rifjut ġie kkonfermat permezz tal-posta elettronika tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2021 (ara l-punt 18 iktar 'il fuq), li fiha l-Kummissjoni indikat li l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent li ma setgħetx tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni li din tal-aħħar kienet ikkomunikatilha fl-4 ta' Frar 2021, dwar, minn naħa, l-inklużjoni ta' żewġ installazzjonijiet li kienu ddikjaraw valuri ta' iktar minn żero, iżda ta' inqas minn 0.5 tunnellata ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili u, min-naħa l-oħra, dwar l-esklużjoni tal-installazzjonijiet tar-rikorrenti, meta din kienet approssimat għal żero tunnellata d-dikjarazzjonijiet tal-emissjonijiet tagħha għas-sena 2018, filwaqt li l-emissjonijiet reali tagħha mhux approssimati kienu ta' iktar minn żero tunnellata u inqas minn 0.5 tunnellata. Billi għamlet dan, il-Kummissjoni injorat l-obbligu li hija għandha skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 77 iktar 'il fuq li teżamina, b'reqqa u imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami..

79 Barra minn hekk, hekk kif issostni r-rikorrenti, għandu jiġi osservat li l-kriterju ta' esklużjoni msemmi fl-ittra ta' osservazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2020, indirizzata lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent. (ara l-punt 7 iktar 'il fuq) kien relatat mal-użu, anki f'sena waħda biss tal-perijodu ta' referenza, ta' kważi 100 % ta' bijomassa. Peress li dan il-kriterju huwa ta' natura iktar stretta minn dak li finalment użat il-Kummissjoni, din l-informazzjoni żbaljata kellha l-effett li ċċaħħad lill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent mill-possibbiltà li tkun taf preċiżament, matul il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87.

80 Madankollu, mill-punti 51 sa 60 iktar 'il fuq jirriżulta li t-teħid inkunsiderazzjoni tad-data mogħtija fl-4 ta' Frar 2021 mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent ma setax ikollha l-iċken effett fuq l-esklużjoni tal-installazzjoni tar-rikorrenti, peress li hekk kif jirriżulta mill-punti 51 sa 60 iktar 'il fuq, l-installazzjonijiet li emettew inqas minn 0.5 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili kellhom jitqiesu bħala li jużaw esklużivament il-bijomassa fis-sens tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87. Barra minn hekk, mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet waqt is-seduta jirriżulta li t-tnaqqis massimu tal-valur tal-parametru referenzjarju previst fl-Artikolu 10(2)(b) tal-imsemmija direttiva (ara l-punt 36 iktar 'il fuq) kien intlaħaq, tant li huwa probabbli li l-inklużjoni ta' installazzjoni iktar effiċjenti mill-medja, jew l-esklużjoni ta' żewġ installazzjonijiet inklużi b'mod żbaljat, hija fil-każ ineżami, fid-dawl tan-numru kbir ta' installazzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-parametru referenzjarju, żero jew, tal-inqas, marġinali ħafna.

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu tagħha li teżamina b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami kkonstatat fil-punt 78 iktar 'il fuq jibqa' mingħajr effett fuq il-legalità tal-esklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni mill-ETS.

Għandu jiġi osservat ukoll li, fil-kuntest ta' din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ma hijiex adita bil-kwistjoni tal-inklużjoni fin-NIM nnotifikata mir-Renju tal-Isvezja taż-żewġ installazzjonijiet l-oħra msemmija fis-posta elettronika tal-4 ta' Frar 2021, li ddikjaraw, mingħajr approssimazzjoni, emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili inferjuri għal 0.5 tunnellata.

82 Minn dan isegwi li, minkejja l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni meta rrifjutat bħala prinċipju li tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni li ġiet trażmessa lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fl-4 ta' Frar 2021, l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

– *Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq ksur tad-dritt għal smigħ*

83 Ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-Kummissjoni ma tathiex il-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet qabel ma adottat id-deċiżjoni kkontestata, hija kisret id-dritt għal smigħ tagħha. Hija tqis li dan il-ksur imur kontra l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li, fl-assenza ta' dan il-ksur, hija setgħet tistabbilixxi li l-installazzjoni inkwistjoni ma kinitx tuża esklużivament il-bijomassa, iżda li l-emissjonijiet tagħha tad-diossidu tal-karbonju kienu parzjalment miksuba mill-fossili. Hija ssostni li b'hekk hija kienet tkun tista' tiżgura aħjar id-difiża tagħha li kieku d-dritt għal smigħ tagħha kien ġie rrispettat. Hija ssostni li setgħet tindika lill-Kummissjoni li hija kienet approssimat l-emissjonijiet tagħha ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili għal żero, meta dawn ma kinux żero u li hija kellha l-intenzjoni li tkompli temetti d-diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu 2021–2025.

84 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-deċiżjoni kkontestata taffettwaha b'mod sfavorevoli ħafna. Fil-fehma tagħha, minn naħa, hija ġiet imċaħħda minn profitt ta' iktar minn EUR 3 miljun stmat abbażi tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet bla ħlas li hija bbenefikat minnha għas-sena 2020. Min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni mill-ETS iċċaħħadha mill-awtorizzazzjoni għall-emissjoni tad-diossidu tal-karbonju mill-fossili u tesponiha għal sanzjonijiet kriminali.

85 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tindika li, peress li l-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 huwa redatt fil-preżent, il-fatt eventwali li hija użat biss bijomassa matul il-perijodu ta' referenza (2014–2018) ma għandux ikun determinanti fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk hija kellhiex l-intenzjoni temetti diossidu tal-karbonju mill-fossili matul is-snin sussegwenti. Hija tqis li, li kieku setgħet issostni dan l-argument, hija kienet tkun tista' tipprova d-dritt tal-installazzjoni inkwistjoni li tibqa' fl-ETS.

86 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

87 Skont l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kull persuna għandha d-dritt li tinstema' qabel ma tittieħed kwalunkwe miżura individwali li tolqotha b' mod negattiv.

88 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża f'kull proċedimenti mressqa kontra persuna u li jistgħu jwasslu għal att li jista' joħolqilha preġudizzju jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi żgurat anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-proċedimenti. Id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tressaq, b'mod utli u effettiv, il-pożizzjoni tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi

tagħha (ara s-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2005, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-287/02, EU:C:2005:368, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' Novembru 2012, M., C-277/11, EU:C:2012:744, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Fil-każ ineżami, id-dritt għal smigħ ma ġiex miksur. Fil-fatt, hekk kif tiddikjara l-Kummissjoni, il-proċedura prevista fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87 tinfetaħ biss kontra l-Istat Membru kkonċernat. Din il-proċedura hija intiża sabiex il-Kummissjoni tiżgura ruħha li n-NIM dwar l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet bla ħlas, ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat, ikunu konformi mar-regoli msemmija fl-Artikolu 10a(1) tal-imsemmija direttiva.

90 Għal dak li jirrigwarda din il-proċedura, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2019, L 59, p. 8, u rettifika fil-ĠU 2020, L 296, p. 8), l-operaturi tal-installazzjonijiet inkwistjoni ma għandhom ebda dritt proċedurali speċifiku. Skont ir-regoli previsti mill-imsemmi Regolament Delegat, huwa fil-kuntest tal-proċedura nazzjonali dwar il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 kif ukoll tal-kwoti bla ħlas allokati lil kull installazzjoni li l-operaturi tal-installazzjonijiet ikkonċernati għandhom jinstemgħu. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament Delegat jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-arranġamenti amministrattivi xierqa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tar-regoli previsti minn dan ir-regolament. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ddikjaratx li, quddiem l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti l-opinjoni tagħha b'mod utli u effettiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2014, Arctic Paper Mochenwangen vs Il-Kummissjoni, T-634/13, mhux ippubblikata, EU:T:2014:828, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Minn dan isegwi li t-tieni parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

– *Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni*

92 Ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni kkontestata kellha, minn naħa, tindika r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tal-kriterji tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni dwar il-bijomassa u, min-naħa l-oħra, turi espliċitament ir-raġunijiet li għalihom, l-ewwel, il-fatt li hija kienet temetti diossidu tal-karbonju mill-fossili ma kienx rilevanti, it-tieni, installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjoni tagħhom kienu paragunabbli ġew ittrattati b'mod differenti, it-tielet, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar l-eżistenza tal-emissjonijiet tagħha ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili li ġew ikkomunikati lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, ir-raba', hija ma nstemgħetx minkejja l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni u, il-ħames, sabiex tiddetermina jekk l-eċċezzjoni dwar il-bijomassa kinitx applikabbli għaliha, il-Kummissjoni qieset biss l-emissjonijiet passati ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili tal-installazzjoni kkonċernata u mhux l-emissjonijiet attwali jew futuri tagħha.

93 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

94 Il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-awtur tal-att ikkontestat, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u

b'mod li jippermetti lill-qorti tal-Unjoni teżerċita l-istħarriġ tagħha. (ara s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-183/07, EU:T:2009:350, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tar-raġunijiet invokati u l-interess li d-destinatarji jew persuni oħra direttament u individwalment ikkonċernati mill-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, peress li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tiegħu, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-183/07, EU:T:2009:350, punt 137 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Għandu wkoll jitqies li l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni skont l-Artikolu 296 TFUE, fir-rigward ta' deċiżjoni dwar in-NIM għall-allokazzjoni tranżitorja bla ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87, għandha importanza iktar u iktar fundamentali peress li, fil-każ ineżami, l-eżerċizzju tas-setgħa ta' stħarriġ tal-Kummissjoni taħt din l-aħħar dispożizzjoni jimplika evalwazzjonijiet ekonomiċi u ekoloġiċi kumplessi u li l-istħarriġ tal-legalità u tal-fondatezza ta' dawn l-evalwazzjonijiet mill-qorti tal-Unjoni huwa ristrett (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-23 ta' Settembru 2009, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, T-183/07, EU:T:2009:350, punt 138 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Fil-każ ineżami, mill-motivazzjoni li tinsab fil-premessa 11 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 20 iktar 'il fuq) jirriżulta mingħajr ekwivoku r-raġunament segwit fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, mill-imsemmija premessa jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-installazzjoni inkwistjoni, peress li kienet użat esklużivament il-bijomassa, kellha tiġi eskluża mill-ETS b'applikazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87.

98 Peress li dawn l-indikazzjonijiet huma suffiċjenti sabiex jippermettu lir-rikorrenti tippreżenta b'mod utli r-rikors tagħha u sabiex il-Qorti Ġenerali tevalwa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kinitx, għaldaqstant, u kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, marbuta tipprovdi motivazzjoni speċifika fuq il-kwistjonijiet imsemmija fil-punt 92 iktar 'il fuq.

99 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda, u, konsegwentement, l-imsemmi motiv kollu kemm hu.

Fuq il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata

100 Qabel kollox għandu jiġi eżaminat il-ħames motiv invokat mir-rikorrenti, dwar il-legalità tal-interpretazzjoni tal-kriterji ta' esklużjoni użati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Insostenn ta' dan il-motiv, fil-fatt, ir-rikorrenti ssostni li, billi qieset li l-installazzjonijiet kollha li ddikjaraw żero emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju mill-fossili, inklużi dawk li approssimaw l-emissjonijiet reali tagħhom, għandhom jiġu esklużi mill-ETS, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjonijiet essenzjali tad-Direttiva 2003/87.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 2003/87

101 Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet. Insostenn tal-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta ħadet inkunsiderazzjoni l-perijodu ta' referenza ddefinit fil-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat 2019/331 sabiex tiddetermina jekk l-installazzjoni inkwistjoni setgħetx taqa' taħt l-ETS. Insostenn tat-tieni waħda, hija ssostni li l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tad-Direttiva 2003/87, u b'mod partikolari tal-punt 1 tal-Anness I tagħha, hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi.

– *Fuq l-ewwel parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni żbaljat ta' valuri qodma*

102 Ir-rikorrenti ssostni li mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87 jirriżulta li l-perijodu ta' referenza ddefinit fil-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat 2019/331, jiġifieri dak mis-sena 2014 sas-sena 2018, huwa rilevanti biss għad-determinazzjoni tan-numru ta' kwoti li jistgħu jiġu allokati bla ħlas. Min-naħa l-oħra, ma ġiet stabbilita l-ebda rabta bejn dan il-perijodu ta' referenza u l-eċċezzjoni dwar l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa prevista fil-punt 1 tal-Anness I tal-imsemmija direttiva. Ir-rikorrenti tqis għaldaqstant li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ddeduċiet li l-installazzjoni inkwistjoni kellha tiġi esklużа mill-ETS mill-fatt li hija ma kienet iddikjarat ebda emissjoni ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu ta' referenza.

103 Skont ir-rikorrenti, il-kwistjoni dwar jekk installazzjoni taqax taħt l-ETS għandha, għall-kuntrarju, tiddependi mhux mill-emissjonijiet storiċi tagħha, li seħħew iktar minn sentejn qabel, iżda minn dawk effettivament irrilaxxati fil-mument tal-adozzjoni tan-NIM u mill-intenzjoni tal-impriża li temettihom fil-futur. Fin-nuqqas ta' dan, impriża li tkun qed tippjana li temetti d-diossidu tal-karbonju mill-fossili tiċċaħħad mill-possibbiltà li tikseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa.

104 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

105 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87, il-lista ta' installazzjonijiet koperti mill-imsemmija direttiva għall-perijodu ta' ħames snin li jibda mill-1 ta' Jannar 2021 għandha tiġi ppreżentata sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2019, u l-listi għal kull perijodu sussegwenti ta' ħames snin għandhom jiġu ppreżentati kull ħames snin wara dan. Kull lista għandha tinkludi informazzjoni dwar l-attività ta' produzzjoni, it-trasferimenti tas-sħana u tal-gassijiet, il-produzzjoni tal-elettriku u l-emissjonijiet fil-livell ta' subinstallazzjoni tul il-ħames snin kalendarji li jippreċedu s-sottomissjoni tagħha. Kwoti jingħataw bla ħlas biss lill-installazzjonijiet li għalihom din l-informazzjoni tkun provduta.

106 Il-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat 2019/331 jiddefinixxi, min-naħa tiegħu, il-"perijodu tal-linja bażi [ta' referenza]" bħala "il-ħames snin kalendarji li jippreċedu l-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-data lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE".

107 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87 huwa redatt kif ġej:

"[…] kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni lista ta' istallazzjonijiet koperti [bid-Direttiva 2003/87] fit-territorju [tiegħu] u kull allokazzjoni gratis għal kull istallazzjoni […]"

108 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87 isemmi l-"lista ta' installazzjonijiet koperti [bl-imsemmija] Direttiva". Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li għandha ssir distinzjoni bejn il-perijodu ta' referenza, li abbażi tiegħu d-data storika ta' kull installazzjoni għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tan-numru ta' kwoti li jistgħu jiġu allokati lilha bla ħlas u l-perijodu li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-applikazzjoni tal-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa ma għandha ebda bażi fid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva.

109 Fil-fatt, il-kunċett ta' "installazzjonijiet koperti" bid-Direttiva 2003/87 ma jistax jiġi interpretat indipendentement mill-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva, li jirreferi għall-attivitajiet indikati fl-Anness I ta' din id-direttiva, li l-punt 1 tiegħu jipprevedi l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa. Għaldaqstant, mill-istruttura ta' dawn id-dispożizzjonijiet, meħuda flimkien, jirriżulta li, sabiex ikunu eliġibbli għad-distribuzzjoni ta' kwoti bla ħlas, l-installazzjonijiet għandhom ikunu inklużi fil-lista tan-NIM, li jippreżupponi li huma jissodisfaw wieħed mill-kriterji ta' inklużjoni fl-ETS previst fl-imsemmi anness.

110 Id-distinzjoni magħmula mir-rikorrenti li tgħid li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-intenzjonijiet futuri tal-operatur sabiex jidher fil-lista tal-NIM u għalhekk jibbenefika mill-allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas tmur, għalhekk, kontra d-dispożizzjonijiet ċari tad-Direttiva 2003/87.

111 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda.

– *Fuq it-tieni parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq żbalji ta' liġi*

112 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-emenda tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE għat-titjib u l-estensjoni tal-ETS (ĠU 2009, L 140, p. 63) hija intiża li tnaqqas ir-restrizzjonijiet tal-operaturi ta' installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa billi teżentahom minn dikjarazzjonijiet neċessarji sabiex jiksbu l-kwoti meħtieġa sabiex ikopru l-emissjonijiet marbuta mal-proċess ta' produzzjoni tagħhom. Din l-eżenzjoni, fil-fehma tagħha, hija minuri meta mqabbla mal-emendi l-oħra introdotti minn din l-aħħar direttiva.

113 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li, min-naħa l-oħra, l-element ċentrali tal-emendi introdotti għall-ETS mid-Direttiva 2009/29 kien jikkonsisti fid-definizzjoni ta' parametri referenzjarji ta' prodotti għall-kalkolu tal-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet bla ħlas. Hija tosserva li l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87, li ġie introdott mid-Direttiva 2009/29, jiddefinixxi l-kwoti li għandhom jiġu allokati skont l-emissjonijiet imwettqa mill-10 % tal-installazzjonijiet l-iktar ekoloġikament effiċjenti u tal-kwantitajiet prodotti minn kull installazzjoni, indipendentement mill-emissjonijiet effettivi tagħha. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni l-ġdida hija intiża sabiex tħeġġeġ lil kull operatur inaqqas ir-relazzjoni bejn l-emissjonijiet tiegħu u l-produzzjoni tiegħu u wieħed mill-metodi espliċitament imsemmija għal dan l-għan jikkonsisti f'li jiġi inkoraġġut l-użu tal-bijomassa, rinnovabbli, iktar milli l-karburanti mill-fossili. Fi kwalunkwe każ, skont ir-rikorrenti, l-emendi introdotti kienu intiżi espressament sabiex l-operaturi ma jiġux inkoraġġuti jżidu l-emissjonijiet tagħhom (Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87 u l-premessa 23 tad-Direttiva 2009/29).

114 Ir-rikorrenti ssostni li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effikaċja ekoloġika tal-bijomassa jirriżulta mill-allokazzjoni ta' fattur ugwali għal żero għall-emissjonijiet iġġenerati mill-bijomassa u mill-fatt li l-kalkolu tal-emissjonijiet irrilaxxati minn 10 % tal-installazzjonijiet l-iktar effiċjenti

jieħu inkunsiderazzjoni biss l-emissjonijiet ta' karburanti mill-fossili. Madankollu, ikun assurd, f'din il-loġika, li ma jkunx jista' jittieħed inkunsiderazzjoni t-tnaqqis għal żero tal-emissjonijiet li jseħħ fil-każ li xi operaturi jirnexxilhom jissostitwixxu kompletament il-karburanti mill-fossili għall-bijomassa. F'tali sitwazzjoni, l-operaturi jkunu mħeġġa ma jużawx esklużivament il-bijomassa sabiex ikunu jistgħu jkomplu jibbenefikaw minn allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas. Skont ir-rikorrenti, l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-bijomassa magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, peress li twassal għar-riżultat paradossali li jeskludi mill-parametru referenzjarju ta' prodott l-installazzjoni inkwistjoni, waħda mill-installazzjonijiet bl-aħjar prestazzjoni ekoloġika, tmur direttament kontra l-kliem u l-istruttura tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87.

115 Fit-tielet lok, b'konsegwenza tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikorrenti hija tal-fehma li l-interpretazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 tmur kontra l-Artikolu 10a tal-istess direttiva, li madankollu għandha tipprevali fuq l-imsemmi punt.

116 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

117 Fl-ewwel lok, hekk kif ġustament issostni l-Kummissjoni, l-emenda li saret fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 intiża li teskludi l-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa ma hijiex ta' natura anċillari, peress li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ETS. L-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, fil-fatt, jiddefinixxi l-installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS billi jirreferi għall-imsemmi anness, għalhekk, b'mod partikolari, għad-dispożizzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tipproduċi ebda prova tali li tikkorrobora l-argument tagħha li din id-dispożizzjoni hija intiża biss sabiex tnaqqas ir-restrizzjonijiet amministrattivi li l-ETS timponi fuq l-installazzjonijiet li jaqgħu taħtha. Għalhekk, id-delimitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva li teskludi l-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa ma hijiex ta' natura sekondarja meta mqabbla mal-Artikolu 10a tal-istess direttiva. Fil-fatt, il-parametri referenzjarji *ex ante* li huma ddefiniti fihom huma intiżi li japplikaw biss għall-installazzjonijiet li jaqgħu taħt l-ETS.

118 Fit-tieni lok, hekk kif issostni r-rikorrenti, l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa tipprekludi li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prestazzjoni ekoloġika ta' dawn l-installazzjonijiet għall-kalkolu tal-parametri referenzjarji. Madankollu, hija għandha bħala korrispettiv, għall-installazzjonijiet ikkonċernati, l-assenza ta' obbligu li jirrestitwixxu kwoti f'numru ugwali għall-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju prodotti minn dawn l-installazzjonijiet, li kien diġà previst fl-Anness IV tad-Direttiva 2003/87 fil-verżjoni inizjali tagħha. Dan il-fatt, għalkemm ma jippermettix li tittieħed inkunsiderazzjoni l-prestazzjoni ekoloġika tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa, jippermetti min-naħa l-oħra li jiġu evitati l-effetti deadweight li jirriżultaw mill-possibbiltà għal installazzjoni meqjusa li ma temettix diossidu tal-karbonju li jkollha allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet bla ħlas. In-nuqqas ta' effett fuq il-valuri tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa ma jistax, madankollu, iwassal għall-konsegwenza li l-punt 1 tal-Anness I tal-imsemmija direttiva jkun jista' jiġi interpretat indipendentement mill-Artikolu 11 tal-istess direttiva. Issa, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, l-inklużjoni fl-ETS ta' installazzjoni li tuża l-bijomassa hija marbuta mal-fatt li hija tkun emettiet id-diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu ta' referenza.

119 Fit-tielet lok, l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 li tipprovdi li għandhom l-installazzjonijiet li l-emissjonijiet tagħhom kienu żero matul il-perijodu ta' referenza jiġu esklużi lanqas ma tmur kontra l-Artikolu 10a tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma timponix it-teħid inkunsiderazzjoni tal-prestazzjoni ekoloġika mwettqa minn installazzjonijiet li ma jaqgħux taħt l-ETS, iżda hija tipprevedi, għall-kuntrarju, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet li jaqgħu taħt parametru referenzjarju *ex ante*. Issa, minħabba l-esklużjoni ta' dawn l-installazzjonijiet meta jużaw esklużivament il-bijomassa, dawn ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt tali parametru referenzjarju.

120 Fir-raba' lok, huwa stabbilit li l-installazzjonijiet li ma jaqgħux taħt l-ETS ma humiex eliġibbli għall-allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas. Minn dan isegwi li, peress li l-installazzjoni inkwistjoni ġiet eskluża mill-ETS, ir-rikorrenti ma tinsabx f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' impriżi oħra li għandhom installazzjonijiet li jaqgħu taħtha għall-finijiet ta' tali allokazzjonijiet u għandhom l-obbligu li jirrestitwixxu numru ta' kwoti ugwali għall-emissjonijiet tagħhom. Minħabba f'hekk, ir-rikorrenti tevita wkoll ir-riskju li ssofri s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2003/87 fil-każ ta' ksur tal-obbligi tagħhom mill-installazzjonijiet inklużi fl-ETS. Għaldaqstant, il-fatt li l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tal-imsemmija direttiva adottata fid-deċiżjoni kkontestata twassal sabiex ir-rikorrenti ma tistax tibbenefika iktar minn allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas ma jistax jikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

121 Fil-ħames lok, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2003/87 ma timplika li l-inklużjoni ta' installazzjoni fl-ETS għandha tkun strettament newtrali fir-rigward tas-sitwazzjoni kompetittiva ta' dawn l-installazzjonijiet meta mqabbla ma' dawk li ma jaqgħux taħtha jew li huma esklużi minnha. Minn dan isegwi li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni allegati mir-rikorrenti ma humiex tali li jistabbilixxu l-illegalità tal-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tal-imsemmija direttiva mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

122 Fis-sitt lok, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-fatt li l-interpretazzjoni mogħtija fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 fid-deċiżjoni kkontestata tista' twassal sabiex installazzjonijiet hekk esklużi jieqfu jużaw esklużivament il-bijomassa ma jistax jistabbilixxi l-illegalità ta' din l-interpretazzjoni. Fil-fatt, l-għan globali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet imfittex mill-ETS ma jistax iwassal sabiex tiġi invalidata l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa minħabba li ċerti operaturi jistgħu jaslu sabiex jagħmlu liberament għażliet ekoloġikament inqas effikaċi. Tali eventwalitajiet huma, fil-fatt, inerenti għal kull effett ta' limitu, li ma jistgħux jiġu evitati fil-każijiet fejn il-kamp ta' applikazzjoni ta' miżura bħalma hija l-ETS huwa ddelimitat. Konsegwentement, ir-rikorrenti ma għandhiex raġun issostni li l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa mill-mekkaniżmi ta' allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas tmur kontra l-għanijiet tal-imsemmija direttiva u tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

123 Ir-rikorrenti għalhekk baqgħet ma stabbilixxietx l-illegalità tal-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, it-tieni parti tal-ħames motiv u, għaldaqstant, l-imsemmi motiv kollu kemm hu, għandhom jiġu miċħuda.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

124 Ir-rikorrenti ssostni li, billi qieset li l-installazzjoni kkonċernata kienet tuża esklużivament il-bijomassa, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni. F'dan ir-rigward, hija ssostni li l-installazzjoni inkwistjoni emettiet id-diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu ta' referenza, fl-2018, kif ukoll fl-2019 u fl-2020, u li l-valuri ddikjarati ta' 0 tunnellata kienu jirriżultaw minn approssimazzjoni. Billi rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni din l-informazzjoni, li kienet ġiet ikkomunikata lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni mhux biss ittrattat b'mod differenti installazzjonijiet paragunabbli, peress li hija ma opponietx l-inklużjoni, fin-NIM Svediża, ta' installazzjonijiet li emettew kwantitajiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili effettivi ekwivalenti, iżda rrifjutat ukoll b'mod żbaljat li tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni rilevanti. Għaldaqstant, hija wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-installazzjoni inkwistjoni kienet tuża esklużivament il-bijomassa fis-sens tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87.

125 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma segwietx prattika koerenti. Fil-fatt, il-Kummissjoni issa tidher li qed tibbaża l-interpretazzjoni tagħha tal-eċċezzjoni ta' użu esklużiv tal-bijomassa fuq il-fatt li installazzjoni ma ddikjarat l-ebda emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili fuq il-perijodu ta' referenza ta' ħames snin kollu, fejn dikjarazzjoni pożittiva għal sena waħda biss mill-imsemmi perijodu hija biżżejjed biex tevita l-esklużjoni mill-ETS. Issa, fl-ittra tal-osservazzjonijiet tagħha tad-19 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni sostniet pożizzjoni differenti, li tgħid li s-sempliċi fatt li installazzjoni li tkun iddikjarat emissjonijiet ta' kważi żero matul sena waħda biss mill-perijodu ta' referenza huwa biżżejjed sabiex jiġġustifika l-esklużjoni tagħha. Skont tali kriterji, li hija tikkontesta, ir-rikorrenti tqis li hija kellha wkoll tiġi eskluża abbażi tat-tielet perijodu ta' skambju, mill-2013 sal-2020.

126 Għaldaqstant, ir-rikorrenti tiddikjara li, minħabba d-deċiżjoni kkontestata, tinsab f'sitwazzjoni paradossali peress li sabiex tibbenefika fil-futur mill-allokazzjonijiet ta' kwoti bla ħlas, hija kellha diġà żżid l-emissjonijiet tagħha tad-diossidu tal-karbonju mill-fossili għal iktar minn tunnellata fis-sena. Hija lesta, barra minn hekk, li żżidhom iktar minn ħames tunnellati fis-sena kieku emenda leġiżlattiva li testendi l-esklużjoni għall-użu esklużiv tal-bijomassa għall-installazzjonijiet li jemettu inqas minn ħames tunnellati ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili fis-sena kellha tiġi adottata.

127 Barra minn hekk, peress li ma humiex redatti f'termini eżattament identiċi, il-punti 1 u 3 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 (ara l-punt 40 iktar 'il fuq) ma jistgħux jikkonċernaw l-istess installazzjonijiet. Għalhekk ikun illoġiku li f'kull każ l-installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili jiġu assimilati mal-installazzjonijiet li jużaw karburanti mill-fossili biss għall-fażijiet tal-bidu u tal-waqfien tal-unità. Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, emissjonijiet baxxi ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili ma jfissrux li dawn jistgħu jitqiesu li ma jaqgħux fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-esklużjoni prevista fil-punt 1 tal-imsemmi anness.

128 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tirreferi għall-argument tagħha intiż li jistabbilixxi li l-informazzjoni li setgħet tiġġustifika ż-żamma tal-installazzjoni inkwistjoni fl-ETS ġiet trażmessa lill-Kummissjoni mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent f'data li ma kinitx tipprekludi li din tittieħed inkunsiderazzjoni (ara l-punti 66 u 67 iktar 'il fuq.

129 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

130 Skont il-ġurisprudenza, f'kuntest tekniku kumpless ta' natura evoluttiva bħalma huwa dak tal-kawża preżenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-punti ta' fatt ta' natura xjentifika u teknika kumplessi ħafna sabiex jiġu stabbiliti n-natura u l-portata tal-miżuri li huma jadottaw, filwaqt li l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għall-eżami tal-kwistjoni jekk l-eżerċizzju ta' tali setgħa huwiex ivvizzjat bi żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk dawn l-awtoritajiet eċċedewx b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom. F'kuntest bħal dan, il-qorti tal-Unjoni ma tistax fil-fatt tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-punti ta' fatt ta' natura xjentifika u teknika ma' dik tal-awtoritajiet tal-Unjoni li lilhom biss it-Trattat FUE ta dan il-kompitu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Lulju 2011, Etimine, C-15/10, EU:C:2011:504, punt 60, u tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata).

131 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-awtoritajiet tal-Unjoni, li timplika stħarriġ ġudizzjarju limitat tal-eżerċizzju tagħhom, ma tapplikax esklużivament għan-natura u għall-portata tal-arranġamenti li għandhom jittieħdu, iżda japplika wkoll sa ċertu punt għall-konstatazzjoni tad-databases. Madankollu, tali stħarriġ ġudizzjarju, anki jekk għandu portata limitata, jirrikjedi li l-awtoritajiet tal-Unjoni, awturi tal-att inkwistjoni, ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu quddiem il-qorti tal-Unjoni li l-att ġie adottat permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom, li jippreżupponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi u taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tas-sitwazzjoni li dan l-att kien intiż li jirregola (sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punti 33 u 34; ara wkoll, is-sentenza tat-30 ta' April 2015, Polynt u Sitre vs ECHA, T-134/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:254, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

132 Għaldaqstant huwa l-obbligu tal-qorti tal-Unjoni, fid-dawl tal-elementi invokati mir-rikorrenti, li tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, kif ukoll li tistħarreġ jekk dawn l-elementi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk dawn humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnha (sentenza tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-405/07 P, EU:C:2008:613, punt 55; ara wkoll, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Franza vs Il-Kummissjoni, T-257/07, EU:T:2011:444, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

133 Skont il-Kummissjoni, fil-lista tal-installazzjonijiet koperti min-NIM, l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent iddikjarat żero emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili, fir-rigward tar-rikorrenti, għas-snin kollha tal-perijodu ta' referenza. Ir-rikorrenti ssostni hija stess li approssimat għal żero d-dikjarazzjonijiet tal-emissjonijiet tagħha matul kull waħda mis-snin tal-perijodu ta' referenza, sabiex tosserva r-regoli ta' approssimazzjoni. L-atti tal-proċess ippreżentati lill-Qorti Ġenerali ma jippermettux li jiġi stabbilit b'ċertezza jekk id-data inkluża fil-posta elettronika mibgħuta mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent lill-Kummissjoni fl-4 ta' Frar 2021 (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), li jgħidu li r-rikorrenti kienet iddikjarat kwantità ta' emissjonijiet ta' 0.3727 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili għas-sena 2018, kienu ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni qabel dan il-messaġġ elettroniku. F'dan ir-rigward, mid-dokumenti relatati mar-rikorrenti li ġew ippreżentati mill-partijiet wara l-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata mill-Qorti Ġenerali ma jirriżultax li l-Kummissjoni kellha din l-informazzjoni qabel din id-data.

134 Madankollu, anki li kieku dan kien il-każ, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' emissjonijiet ta' inqas minn 0.5 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili kien, fi kwalunkwe każ, jikser ir-regoli ta' approssimazzjoni, li, hekk kif ġie rrilevat fil-punti 60 u 61 iktar 'il fuq, huma ta' natura ġenerali u mandatorja. Issa, l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-funzjonament tal-ETS hija intiża li tevita distorsjoni fis-suq tal-kwoti, li huwa indispensabbli sabiex jintlaħaq, indirettament, l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent imfittex minn dan is-suq (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona fil-kawża ArcelorMittal Rodange u Schifflange, C-321/15, EU:C:2016:516, punt 78).

135 Minn dan isegwi li, billi qieset li l-installazzjoni inkwistjoni kienet tuża esklużivament il-bijomassa u li, għaldaqstant, l-esklużjoni prevista fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 kellha, konsegwentement, tiġi applikata għall-imsemmija installazzjoni, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni.

136 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevata li, l-ewwel, l-allegat ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jirriżulta, skont ir-rikorrenti, mit-trattament differenti ta' installazzjonijiet f'sitwazzjonijiet paragunabbli, huwa irrilevanti f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni għall-installazzjoni inkwistjoni tar-regoli tal-funzjonament tal-ETS. Barra minn hekk, din il-kwistjoni ser tiġi evalwata iktar 'il quddiem, fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv tar-rikors.

137 It-tieni, il-fatt, anki jekk jitqies li huwa stabbilit, li, skont l-applikazzjoni tal-kriterju ta' esklużjoni adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, l-installazzjoni inkwistjoni kellha tkun diġà eskluża għall-perijodu preċedenti ma għandu ebda effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, li tirrigwarda biss il-perijodu ta' allokazzjoni ta' kwoti mill-2021 sal-2025.

138 It-tielet, kemm mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87, fil-formulazzjoni tiegħu li tirriżulta mid-Direttiva 2018/410, kif ukoll mill-punt 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat 2019/331, jirriżulta li l-perijodu ta' ħames snin ta' referenza li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata għall-evalwazzjoni tal-emissjonijiet kien mill-2014 sal-2018. L-intenzjoni tar-rikorrenti li twettaq emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu 2021–2025 għaldaqstant ma għandhiex effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata.

139 Ir-raba', hekk kif barra minn hekk qablu l-partijiet waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, l-għan tal-ETS ma huwiex li talloka kwoti bla ħlas, iżda li tinkoraġġixxi lill-installazzjonijiet sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra u, b'mod partikolari, sabiex tinkoraġġixxi l-użu tal-bijomassa iktar milli l-karburanti mill-fossili. Għaldaqstant, meta installazzjoni tkun ġiet eskluża mill-ETS minħabba l-użu esklużiv tagħha tal-bijomassa, ma jistax jiġi validament sostnut li din l-esklużjoni hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.

140 Il-ħames u fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti tirriproduċi, insostenn tal-ewwel motiv li hija tinvoka, l-allegazzjonijiet dwar l-approssimazzjoni li għalih kienet suġġetta d-dikjarazzjoni tal-emissjonijiet tagħha ta' dijossidu tal-karbonju mill-fossili għas-sena 2018 kif ukoll l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tad-data li ġiet trażmessa lilha mill-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent fis-26 ta' Jannar u fl-4 ta' Frar 2021, li diġà ġiet evalwata f'din is-sentenza, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-punti 51 sa 60 u 69 sa 82 iktar 'il fuq.

141 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

142 Skont ir-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' trattament ugwali f'żewġ aspetti.

143 Minn naħa, hekk kif indikat l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent lill-Kummissjoni fil-posta elettronika tagħha tal-4 ta' Frar 2021, installazzjonijiet li għandhom livelli paragunabbli ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili jiġu ttrattati b'mod differenti fir-rigward tal-inklużjoni tagħhom fl-ETS, għas-sempliċi raġuni li wħud minnhom kienu approssimaw id-dikjarazzjonijiet tagħhom, filwaqt li oħrajn le. Ir-rikorrenti tosserva wkoll li mill-inqas waħda mill-installazzjonijiet li l-inklużjoni tagħhom fl-ETS ma ġietx ikkontestata mill-Kummissjoni emettiet inqas diossidu tal-karbonju mill-fossili mill-installazzjoni inkwistjoni. L-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kien jimplika li l-Kummissjoni, li kienet ġiet informata bis-sitwazzjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, tevita li tittratta b'mod differenti sitwazzjonijiet paragunabbli. Kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, sempliċi differenza fid-dikjarazzjonijiet li tirriżulta mill-fatt li, għal ċerti installazzjonijiet, saret approssimazzjoni, filwaqt li għal oħrajn le, ma hijiex rilevanti u ma tiġġustifikax trattament differenti bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' azjendi.

144 Min-naħa l-oħra, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament imwettaq fil-każ ineżami mill-Kummissjoni jikkawża distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jikkumpensa indebitament lill-produtturi li jużaw karburanti mill-fossili, li, kuntrarjament għar-rikorrenti, għandhom aċċess għall-ETS u b'hekk jistgħu jagħmlu profitti billi jbigħu mill-ġdid il-kwoti bla ħlas mhux użati tagħhom. Ir-rikorrenti tqis li l-esklużjoni tagħha twassal għalhekk għal differenza fit-trattament mhux iġġustifikata, bejn produtturi li jagħmlu parti mill-istess parametru referenzjarju ta' prodott, fir-rigward tal-għanijiet ambjentali segwiti mill-ETS.

145 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

146 Il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, li jagħmel parti mill-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1977, Ruckdeschel *et*, 117/76 u 16/77, EU:C:1977:160, punt 7, u tas-17 ta' Diċembru 2020, Centraal Israëlitisch Consistorie van België *et*, C-336/19, EU:C:2020:1031, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata).

147 Mill-proċess, b'mod partikolari mill-kontroreplika u mit-tweġibiet tal-Kummissjoni u tar-rikorrenti wara l-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottata mill-Qorti Ġenerali jirriżulta li, ħlief f'żewġ każijiet li fihom hija rrikonoxxiet li wettqet żball meta ma eskludietx l-installazzjonijiet inkwistjoni, il-Kummissjoni eskludiet mill-ETS l-installazzjonijiet li kienu ddikjaraw żero emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili jew inqas minn 0.5 tunnellata matul il-perijodu ta' referenza. Ir-rikorrenti, li tinsab f'din is-sitwazzjoni, ma għandhiex raġun issostni, abbażi tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li hija kellha tibbenefika minn trattament differenti.

148 Huwa minnu li l-Kummissjoni tippreċiża li hija kien messha eskludiet żewġ installazzjonijiet li l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili tagħhom kienu ta' inqas minn 0.5 tunnellata. Madankollu, mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament għandu jiġi rrikonċiljat mal-osservanza tal-legalità, li tipprovdi li ebda persuna ma għandha tinvoka favoriha illegalità mwettqa fil-konfront ta' ħadd ieħor. Tali approċċ ikun ekwivalenti għal

affermazzjoni tal-prinċipju ta' "l-ugwaljanza fit-trattament fl-illegalità" (ara s-sentenza tas-16 ta' Novembru 2006, Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni, T-120/04, EU:T:2006:350, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, waqt is-seduta, il-Kummissjoni ma eskludietx li tirrimedja l-illegalità tal-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ installazzjonijiet wara l-intervent tas-sentenza preżenti.

149 Għandhom ukoll jiġu miċħuda bħala infondati l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li hija tinsab f'sitwazzjoni iktar sfavorevoli mill-impriżi li jaqgħu taħt l-istess parametru referenzjarju ta' prodott. Fil-fatt, l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa tipprekludi li dawn jitqiesu li jaqgħu taħt parametru referenzjarju ta' prodott. Ir-rikorrenti għalhekk ma tinsabx fl-istess sitwazzjoni bħall-impriżi li jaqgħu taħt parametru referenzjarju *ex ante* u inklużi fl-ETS. F'dan ir-rigward, barra minn hekk, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-evalwazzjoni tal-ħames motiv (ara l-punt 120 iktar 'il fuq), l-interpretazzjoni tal-kriterju ta' esklużjoni previst fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87, li tipprovdi li l-installazzjonijiet li ma emettewx diossidu tal-karbonju mill-fossili jew li emettew kwantitajiet li għandhom jiġu approssimati għal żero ma jistgħux jibbenefikaw minn allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, ma tiksirx il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

150 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma għandhiex raġun issostni li d-deċiżjoni kkontestata tikser direttament il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, u dan bla ħsara għall-kwistjoni, li hija s-suġġett tas-sitt motiv tar-rikors, dwar jekk l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa tikkostitwixxix, fiha nnifisha, ksur ta' dan il-prinċipju.

151 Minn dan isegwi li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

152 Ir-rikorrenti ssostni li hija pproċediet volontarjament għal tranżizzjoni intiża li topera l-installazzjoni tagħha essenzjalment bil-bijomassa u li hija għaldaqstant spontanjament ikkonfermat ruħha mal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87. Barra minn hekk, hija ssostni li ma setgħetx tipprevedi li dan l-aġir kien ser jirriżulta fl-esklużjoni tagħha mill-ETS, tant li hija mċaħħda mill-awtorizzazzjoni sabiex tuża l-karburant mill-fossili kif ukoll mill-prodott finanzjarju tal-bejgħ mill-ġdid tal-kwoti tal-emissjonijiet li kienu allokati lilha bla ħlas. Għall-kuntrarju, hija tqis li hija setgħet tiddeduċi mill-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni fl-allokazzjonijiet ta' kwoti għat-tielet perijodu ta' skambju (2013–2020), filwaqt li l-konverżjoni tagħha għall-bijomassa kienet diġà seħħet, li hija setgħet tibbaża ruħha fuq deċiżjoni pożittiva fir-rigward tagħha għall-perijodu 2021–2025. Fil-fatt, għall-perijodu preċedenti, hija kienet diġà ddikjarat żero emissjonijiet, li ma kienx wassal għall-esklużjoni tagħha mill-ETS. Għalhekk hija tibbenefika minn garanzija preċiża min-naħa tal-Kummissjoni u tinsab f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tar-rikorrent fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' April 1988, Mulder (120/86, EU:C:1988:213). F'dan il-każ, ma jeżistix interess pubbliku superjuri li jista' jiġġustifika li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jiġi eskluż.

153 Mingħajr ma torbot espressament dan l-argument mar-raba' motiv, ir-rikorrenti ssostni wkoll li hija kellha informazzjoni kunfidenzjali li tipprovdi li l-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Ambjent, minn naħa, u l-aġenti tal-Kummissjoni speċjalizzati fl-applikazzjoni tal-ETS, min-naħa l-oħra, kienu jikkondividu l-perspettiva li l-installazzjoni inkwistjoni ma kellhiex tiġi eskluża mill-ETS.

154 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

155 Korollarju tal-prinċipju ta' ċertezza legali, id-dritt li wieħed jitlob il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jestendi għal kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni tal-Unjoni nisslet fih aspettattivi fondati. Tkun xi tkun l-għamla li fiha tingħata, informazzjoni li tkun preċiża, inkundizzjonata u konsistenti u li tkun ġejja minn sorsi awtorizzati u affidabbli tikkostitwixxi garanzija li tista' tnissel tali aspettattivi. Għall-kuntrarju, ħadd ma jista' jinvoka ksur ta' dan il-prinċipju fl-assenza ta' garanziji preċiżi li jkunu ngħatawlu mill-amministrazzjoni. Bl-istess mod, meta operatur ekonomiku prudenti u avżat ikun f'pożizzjoni li jista' jipprevedi l-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni ta' natura li taffettwa l-interessi tiegħu, huwa ma jkunx jista' jinvoka l-benefiċċju ta' tali prinċipju meta din il-miżura tiġi adottata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punti 110, 111, u 113 u il-ġurisprudenza ċċitata).

156 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat, li r-rikorrenti ma stabbilixxietx li l-Kummissjoni tatha garanziji fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 155 iktar 'il fuq li hija kienet ser tibbenefika, għall-perijodu 2021–2025, minn allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra bla ħlas.

157 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-fatt li l-Kummissjoni ma ddeċidietx li teskludi l-installazzjoni inkwistjoni min-NIM innotifikata mir-Renju tal-Isvezja għat-tielet perijodu ta' skambju (2013–2020) ma jistax jitqies bħala teħid ta' pożizzjoni inkundizzjonat mill-Kummissjoni fir-rigward tad-dritt tar-rikorrenti li tkompli taqa' taħt l-ETS u li tibbenefika, konsegwentement, minn allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas għall-perijodu segwenti.

158 Barra minn hekk, huwa stabbilit li r-rikorrenti "lestiet it-tranżizzjoni tagħha lejn il-bijomassa fl-2010". Issa, mill-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ dak iż-żmien, jirriżulta li l-perijodu ta' referenza li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tan-numru ta' kwoti li kellhom jiġu allokati bla ħlas lill-installazzjonijiet bħal dik tar-rikorrenti kien jinkludi s-snin 2005 sa 2007. Issa, ir-rikorrenti ma tistabbilixxix u barra minn hekk ma ssostnix li l-emissjonijiet tagħha ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili kienu żero jew kellhom jiġu approssimati għal żero għal dawn it-tliet snin.

159 Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-esklużjoni prevista fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 kienet ferm prevedibbli fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, peress li din tirriżulta mid-Direttiva 2009/29, li t-terminu ta' traspożizzjoni tagħha kien jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012. Peress li din id-dispożizzjoni ma ġietx emendata sussegwentement, operatur ekonomiku u informat fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 155 iktar 'il fuq ma setax, għaldaqstant, jinjora li l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2013, kienet għadha fis-seħħ għar-raba' perijodu ta' skambju (2021–2025) kopert mid-deċiżjoni kkontestata.

160 Minn dan isegwi li r-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq l-illegalità tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87

161 B'applikazzjoni tal-Artikolu 277 TFUE, fil-każ li l-Qorti Ġenerali ma tilqax wieħed mill-ħames motivi tar-rikors, ir-rikorrenti teċepixxi l-illegalità tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87. Fil-fehma tagħha, jekk din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata f'konformità mal-Artikolu 10a tal-imsemmija direttiva u mal-prinċipji fundamentali li jagħmlu parti mid-dritt primarju tal-Unjoni, għandha għaldaqstant tiġi kkontestata l-illegalità tagħha. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għall-argumenti invokati insostenn tal-ħames motiv.

162 Skont ir-rikorrenti, l-esklużjoni relatata mal-użu esklużiv tal-bijomassa twassal għall-impossibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-kalkolu tal-parametri referenzjarji ta' prodotti, l-installazzjonijiet l-iktar ekoloġikament effiċjenti. Għalhekk, tali esklużjoni tkun, minħabba f'hekk, inkompatibbli mal-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87 u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

163 Dan ukoll imur kontra l-prinċipju ta' trattament ugwali. Fil-fatt, fl-ewwel lok, l-installazzjonijiet li għamlu approssimazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tagħhom huma ttrattati b'mod inqas favorevoli minn dawk li ma approssimawx id-dikjarazzjonijiet tagħhom. Fit-tieni lok, l-installazzjonijiet li emettew id-diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu 2014–2018 huma ttrattati b'mod inqas favorevoli minn dawk li emettew id-diossidu tal-karbonju mill-fossili fis-snin 2019 u 2020. Fit-tielet lok, l-installazzjonijiet li l-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili tagħhom huwa ta' inqas minn 0.5 tunnellata huma ttrattati b'mod inqas favorevoli minn dawk li l-emissjonijiet tagħhom jaqbżu dan il-limitu. Fir-raba' lok, mill-perspettiva tal-kompetizzjoni, is-sitwazzjoni tal-installazzjonijiet li 100 % tal-emissjonijiet tagħhom ġejjin mill-bijomassa ma hijiex differenti minn dawk li l-emissjonijiet kollha tagħhom jew parti minnhom ġejjin mill-fossili.

164 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Kunsill u mill-Parlament, tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

165 Mill-eżami tal-ħames motiv jirriżulta li l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata la tikser id-dispożizzjonijiet u l-għanijiet tal-imsemmija direttiva u lanqas il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità. Ir-rikorrenti ssostni, madankollu, fil-kuntest tas-sitt motiv, li, jekk dan huwa l-każ, l-esklużjoni mill-ETS tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa hija għalhekk fiha nnifisha kuntrarja għal dawn il-prinċipji u għal dawn id-dispożizzjonijiet.

166 F'dan ir-rigward, għandu qabel kollox jiġi osservat li l-ammissibbiltà tal-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrenti ma hijiex ikkontestata u li din ma tqajjimx wisq dubju. Fil-fatt, ma huwiex ċert li r-rikorrenti setgħet titlob l-annullament tal-emenda inkwistjoni, introdotta bid-Direttiva 2009/29, u huwa stabbilit li kien bl-applikazzjoni tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 fid-deċiżjoni kkontestata li l-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti kellha tiġi rtirata min-NIM.

167 Madankollu, sa fejn ir-rikorrenti ssostni l-istess argumenti bħal dawk invokati insostenn tat-tieni parti tal-ħames motiv, huwa biżżejjed li jitfakkar li dawn l-argumenti ġew miċħuda fil-punti 120 sa 122 iktar 'il fuq.

168 Għall-bqija, f'qasam fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu marġni ta' diskrezzjoni wiesa', huwa biss ksur manifest ta' dawn il-prinċipji li jista' jistabbilixxi l-illegalità tal-esklużjoni prevista mid-dispożizzjoni kkontestata.

169 Madankollu, ma jistax jiġi kkontestat li s-sistema attwali, kif iddefinita, twassal sabiex ir-rikorrenti tiġi ppenalizzata talli naqqset kważi għal żero l-emissjonijiet tagħha ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili. Minn naħa, ir-rikorrenti tindika, mingħajr ma hija serjament kontradetta, li t-tranżizzjoni tagħha lejn il-bijomassa kienet ħtieġet investimenti estremament għoljin li għalihom hija ma għad għandha ebda korrispettiv. Min-naħa l-oħra, mid-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet waqt is-seduta jirriżulta li l-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni li

r-rikorrenti ma tistax, anki fil-każ fejn hija tiddeċiedi li tirrikorri mill-ġdid għal karburanti mill-fossili, titqies bħala "operatur ġdid" iċċaħħadha minn kull possibbiltà li tibbenefika mill-ġdid minn allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas.

170 Madankollu, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 122 iktar 'il fuq, tali effetti huma inerenti għal kull sistema li tipprevedi limiti ta' inklużjoni u ta' esklużjoni. L-esklużjoni prevista fil-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 inkwistjoni f'dan il-każ għandha l-effett li teżenta mill-obbligi inerenti għall-ETS l-installazzjonijiet li għażlu kompletament proċess ta' produzzjoni li juża enerġija rinnovabbli u li tinċentiva l-installazzjonijiet li ma eżerċitawx kompletament din l-għażla sabiex jissostitwixxu l-karburanti mill-fossili għall-bijomassa. F'dan ir-rigward, għandu barra minn hekk jiġi osservat li l-pożizzjoni difiża mir-rikorrenti li tgħid li hija għandha tibbenefika mill-ġdid minn allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas fil-każ li hija tmur lura għall-użu ta' karburanti mill-fossili tmur direttament kontra dan l-għan.

171 Għaldaqstant, minkejja l-effetti negattivi li hija għandha fuq ir-rikorrenti, l-esklużjoni tal-installazzjonijiet li jużaw esklużivament il-bijomassa kif ukoll l-assimilazzjoni ma' dawn l-installazzjonijiet ta' dawk li emettew inqas minn 0.5 tunnellata ta' diossidu tal-karbonju mill-fossili matul il-perijodu ta' referenza ma humiex tali li jikkostitwixxu ksur manifest tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

172 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tallega li tislet argument minn proposta leġiżlattiva, mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill, intiża sabiex tiffissa għal 5 % il-limitu tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mill-fossili li taħtu l-installazzjonijiet jitqiesu li jużaw esklużivament il-bijomassa. Skont ir-rikorrenti din ir-rieda tal-leġiżlatur li jbiddel is-sistema turi l-imperfezzjonijiet tagħha. Madankollu, tali osservazzjonijiet ta' *lege ferenda* ma jistgħux iwasslu sabiex ir-regoli fis-seħħ jitqiesu bħala illegali u, konsegwentement, inapplikabbli.

173 Minn dan isegwi li hemm lok li tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma mir-rikorrenti u minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

174 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Skont l-Artikolu 135(1) tal-imsemmija Regoli, meta jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż tagħha iżda li għandha tiġi kkundannata biss parzjalment għall-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra, jew saħansitra li ma għandhiex tiġi kkundannata f'dan ir-rigward.

175 Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprovdu li l-istituzzjonijiet intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, jipprekludu li jintlaqgħu t-talbiet tal-Kunsill intiżi għall-kundanna tar-rikorrenti għall-ispejjeż.

176 Barra minn hekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, b'mod partikolari l-iżbalji rrilevati fil-punti 78 u 79 iktar 'il fuq, hemm lok li jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Marcoulli Frimodt Nielsen Norkus

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Lulju 2023.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

It-talbiet tal-partijiet 5

Id-dritt 6

Osservazzjonijiet preliminari dwar l-ETS u l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2003/87 6

Fuq il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata 8

Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tad-data approssimata ddikjarata matul il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata 9

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżiti proċedurali sostanzjali 11

– Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' diliġenza 11

– Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq ksur tad-dritt għal smigħ 15

– Fuq it-tielet parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni . . . 16

Fuq il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata 17

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-Direttiva 2003/87 18

– Fuq l-ewwel parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni żbaljat ta' valuri qodma 18

– Fuq it-tieni parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq żbalji ta' liġi 19

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni 22

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament 25

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi . . 26

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq l-illegalità tal-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87 27

Fuq l-ispejjeż 29